32005H0175

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-1 ta' Marzu 2005

li tikkonċerna programm kordinat għall-kontroll uffiċjali ta' oġġetti ta' l-ikel għall-2005

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/175/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi 'l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/397/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1989 dwar il-kontroll uffiċjali ta' l-oġġetti ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

Billi:

(1) Hu neċessarju, bil-għan li jiġi ssodat l-operat tas-suq intern, li jsiru arranġamenti għal programmi koordinati ta' spezzjoni ta' l-ikel fuq livell Komunitarju mfassla biex jiġu mtejba l-implimentazzjonijiet armonizzati tal-kontrolli uffiċjali ta' l-oġġetti ta' l-ikel mill-Istati Membri.

(2) Programmi simili għandhom jagħmlu enfasi fuq konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità dwar oġġetti ta' l-ikel, li hija partikolarment imfassla biex tipproteġi s-saħħa pubblika u l-interessi tal-konsumatur, u biex tiżgura prattiċi ta' kummerċ ġust.

(3) Id-Direttiva 89/397/KEE tistipula l-prinċipji ġenerali għall-eżekuzzjoni ta' kontrolli uffiċjali ta' l-oġġetti ta' l-ikel, inklużi l-ispezzjonijiet li għandhom isiru mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri. Din tipprovdi wkoll għall-Kummissjoni biex kull sena titrasmetti Rakkomandazzjoni rigward programm ko-ordinat ta' spezzjonijiet għas-sena ta' wara.

(4) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2003 rigward programm koordinat għal kontrolli uffiċjali [2], iklużż l-assessjar tas-sigurtà batterjoloġika tal-ġobon magħmul mill-ħalib mhux proċessat u ħalib ipproċessat bis-sħana. Din l-investigazzjoni għandha tiġi estiża għal kategoriji oħra ta' ġobon magħmula mill-ħalib pasturizzat sabiex ikunu jistgħu jsiru konklużjonijiet sinifikattivi dwar is-sigurtà ta' dawn il-prodotti.

(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/99/KEE tad-29 t'Ottubru 1993 dwar is-suġġett ta' miżuri addizzjonali rigward il-kontroll uffiċjali ta' oġġetti ta' l-ikel [3] tissupplimenta r-regoli stipulati bid-Direttiva 89/397/KEE. Tipprovdi sabiex il-laboratorji uffiċjali fl-Istati Membri, kif imsemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 89/397/KEE, ikunu jikkonformaw mal-kriterji stipulati fis-serje Standard Ewropew EN 4500, issa sostitwiti b'EN ISO 17025:2000.

(6) L-implimentazzjoni ta' programmi koordinati hi mingħajr preġudizzju għal kull kontrolli uffiċjali oħra magħmula mill-Istati Membri fil-qafas tal-programmi ta' kontrolli nazzjonali tagħhom.

(7) Ir-riżultati mill-implimentazzjoni simultanja ta' programmi nazzjonali u programmi koordinati jistgħu jipprovdu informazzjoni u esperjenza li fuqhom jistgħu jiġu bbażati attivitajiet ta' kontroll u leġiżlazzjoni fil-futur,

B'DAN TIRRAKKOMANDA:

1. Matul l-2005 l-Istati Membri għandhom jagħmlu spezzjonijiet u kontrolli li jinkludu, fejn indikat, it-teħid ta' kampjuni u l-analiżi ta' kampjuni simili f'laboratorji, bil-għan li:

   a) tiġi evalwata s-sigurtà batterjoloġika ta' ġobon magħmul mill-ħalib pasturizzat (kontinwazzjoni tal-programm koordinat mibdi fl-2004 wara r-Rakkomandazzjoni tad-19 ta' Diċembru 2003 rigward programm koordinat għall-kontroll uffiċjali ta' oġġetti ta' l-ikel għall-2004);

   b) tiġi evalwata s-sigurtà batterjoloġika ta' l-insalati mħalltin rigward il-*Listeria monocytogenes*;

[1] ĠU L 186, tat-30.6.1989, p. 23.
[2] ĠU L 6, tat-10.1.2004, p. 29.
[3] ĠU L 290, tat-24.11.1993, p. 14. Direttiva emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (GU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

c) tiġi evalwata s-sigurtà, il-kwalità u t-tabellar tal-laħam tat-tjur rigward l-użu ta' aġenti li jżommu l-ilma;

d) tiġi evalwata s-sigurtà ta' ċertu ikel għat-trabi u tfal żgħar rigward il-livelli tan-nitrat u tal-*patulin*.

2. Għalkemm ir-rati tat-teħid ta' kampjuni u/jew ta' l-ispezzjonijiet m'humiex stipulati f'din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk ir-rati jkunu suffiċjenti biex jipprovdu idea tajba tas-suġġett li jkun qed jiġi kkunsidrat f'kull Stat Membru

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni kif mitluba billi jsegwu l-format tal-karti tar-reġistrazzjonijiet stipulati fl-Annessi I-IV sabiex ikun jista' jsir aktar tqabbil tar-riżultati. Dik l-informazzjoni għandha tiġi mibgħuta lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2006, akkumpanjata b'rapport ta' spjegazzjoni li għandu jinkludi kummenti dwar ir-riżultati u dwar l-infurzar tal-miżuri meħuda.

4. Oġġetti ta' l-ikel li għandhom jiġu analizzati taħt il-programm koordinat għall-2005 għandhom jiġu sottomessi lil-laboratorji uffiċjali skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/99/KEE. Madanakollu, jekk laboratorji simili ma jeżistux fi Stati Membri għal ċertu analiżi kopert b'din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jinnominaw laboratorji oħra li kapaċi jagħmlu dawn l-analiżi.

5. Is-sigurtà batterjoloġika tal-ġobon magħmul mill-ħalib pasturizzat.

5.1. L-iskop tal-programm koordinat għall-2005

L-għan ta' dan l-element tal-programm hu biex tkompli l-investigazzjoni mikrobijoloġika mibdija fl-2004 taħt il-programm koordinat għall-2004, li ffoka biss fuq ġobnijiet magħmula mill-ħalib mhux proċessat jew iproċessat bis-sħana, sabiex ikopri ġobnijiet oħra magħmula mill-ħalib sottomessi għal trattament ogħla ta' sħana, mill-iproċessar bis-sħana (i.e. il-pasturizzazzjoni). Din l-estensjoni tal-programm koordinat hi rakkomandata sabiex ikunu jistgħu jsiru konklużjonijiet sinifikattivi dwar is-sigurtà tal-ġobnijiet. Ir-riżultati ta' din l-investigazzjoni se jkunu analizzati u pprovduti flimkien mar-riżultati tas-servej ta' l-2004 sabiex ikun hemm idea tajba ġenerali f'dan is-settur.

5.2. Teħid ta' kampjuni u metodu ta' l-analiżi.

L-investigazzjonijiet għandhom jikkonċernaw ġobnijiet friski, rotob u dawk kemmxejn iebsa magħmula mill-ħalib li ġew sottomessi għall-proċess tal-pasturizzazzjoni. Jekk tinstab il-*Listeria monocytogenes*, in-numru ta' dawn il-batterji għandu jiġi enumerat. Meta l-kampjuni jiġu meħuda mill-ħwienet, it-testijiet jistgħu jiġu limitati għall-preżenza tas-*Salmonella* u l-enumerazzjoni tal-*Listeria monocytogenes*. Il-kampjuni, kull wieħed minimu ta' mitt gramma jew ta' ġobna waħda jekk tkun anqas minn mitt gramma, għandhom jiġu mmaniġġjati b'mod iġeniku, mqiegħda f'kontenituri li jkessħu u mibgħuta immedjatament fil-laboratorji għall-analiżi.

Il-laboratorji għandhom jitħallew jużaw metodu ta' l-għażla tagħhom sakemm il-livell ta' eżekuzzjoni jaqbel ma' l-għan li jrid jintlaħaq. Madankollu, il-verżjoni l-aktar reċenti ta' l-istandard ISO 6785 jew EN/ISO 6579 hi rakkomandata biex tinstab il-*Salmonella*, l-aktar verżjonijiet reċenti ta' l-istandards EN/ISO 11290-1 u 2 huma rrakkomandati biex tinstab il-*Listeria monocytogenes*, l-aktar verżjoni reċenti ta' EN/ISO 6888-1 jew 2 hu rrakkomandat għall-enumerazzjoni ta' l-*Istaphylococcus aureus* u l-verżjoni l-aktar reċenti ta' l-istandard ISO 11866-2,3 jew ISO 16649-1,2 hu rrakkomandat għall-enumerazzjoni ta' l-*Escherichia coli*. Metodi ekwivalenti addizjonali rikonoxxuti minn awtoritajiet kompetenti jistgħu jintużaw ukoll.

Il-livell ġenerali tat-teħid tal-kampjuni għandu jitħalla għall-ġudizzju ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

Ir-riżultati tal-kontrolli għandhom jiġu dokumentati fil-karta mudell għall-arkivjat li tinsab fl-Anness I.

6. Is-sigurtà batterjoloġika ta' l-insalti mħalltin f'dak li għandu x'jaqam mal-*Listeria monocytogenes*;

6.1. L-iskop tal-programm koordinat għall-2005

Matul dawn l-aħħar snin kien hemm żieda fil-konsum ta' l-ikel lest biex jittiekel, bħalma huma insalati mħalltin li fihom ħaxix nej u ingredjenti oħra bħal laħam jew frott tal-baħar. Dak it-tip ta' prodott jista' jkun ta' periklu għas-saħħa pubblika minħabba l-preżenza ta' batterji patoġeniċi, bħalma hi l-*Listeria monocytogenes*. L-implimentazzjoni ta' miżuri iġeniċi speċifiċi, inkluż żmien xieraq ta' kemm jistgħu jdumu fuq l-ixkaffa biex jinbiegħu u l-kontroll tat-temperatura, huma essenzjali biex tiġi evitata żieda tal-batterji patoġeniċi li eventwalment ikunu preżenti fil-prodotti u biex tiġi protetta s-saħħa pubblika.

L-għan ta' dan l-element tal-programm hu biex tiġi evalwata s-sigurtà mikrobijoloġika ta' l-insalati, imħalltin minn qabel, li fihom il-ħaxix nej u ingredjenti oħra bħal laħam jew frott tal-baħar, f'dak li għandu x'jaqsam mal-*Listeria monocytogenes* sabiex tiġi promossa protezzjoni tal-konsumatur ta' livell għoli u biex tinġabar informazzjoni fuq il-prevalenza ta' dawn il-batterji fi prodotti simili.

6.2. Teħid ta' kampjuni u metodu ta' l-analiżi.

L-investigazzjonijiet għandhom jikkonċernaw insalti mħalltin tal-ħaxix ippakkjati minn qabel li fihom il-laħam jew il-frott tal-baħar jew ingredjenti oħra li:

a) m'humiex trattati bis-sħana fil-pakkett finali;

b) jridu jiġu maħżuna fil-kesħa;

c) huma intenzjonati li jittieklu mingħajr ma jiġu trattati bis-sħana jew jistgħu jittieklu mingħajr ma jiġu trattati bis-sħana qabel jiġu kkunsmati.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jieħdu kampjuni ta' dawk il-prodotti mill-ħwienet, preferibbilment mis-supermarkits, bil-għan li jiġu eżaminati għall-preżenza u l-enumerazzjoni tal-*Listeria monocytogenes* fl-istess ħin. Kampjun wieħed jikkonsisti f'unità waħda tal-kampjun (pakkett wieħed mhux miftuħ). Il-kampjuni, li jekk ikun possibbli għandhom jittieħdu qrib id-data ta' l-iskadenza, għandhom jitqiegħdu f'kontenituri mkessħa u mibgħuta immedjatament fil-laboratorju għall-analiżi. It-temperatura tal-ħażna u ż-żmien ta' kemm jistgħu jdumu fuq l-ixkaffa għandhom jiġu dokumentati meta jittieħed il-kampjun u l-informazzjoni għandha tiġi inkluża fir-rapport ta' spjegazzjoni li jakkompanja r-riżultati ta' l-investigazzjoni.

Fil-laboratorju l-kampjun għandu jiġi trattat biex jiġi żgurat li l-ingredjenti kollha tħalltu sew.

Il-verżjoni l-aktar reċenti ta' l-istandard EN/ISO 11290-1 u 2 huma rakkomandati biex tinstab u tiġi enumerata l-*Listeria monocytogenes*. Madanakollu, il-laboratorji għandhom jitħallew jużaw metodu ta' l-għażla tagħhom sakemm il-livell ta' eżekuzzjoni jaqbel ma' l-għan li jrid jintlaħaq.

Il-livell ġenerali tat-teħid tal-kampjuni għandu jitħalla għall-ġudizzju ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

Ir-riżultati tal-kontrolli għandhom jiġu dokumentati fil-karta mudell għad-arkivjar li tinsab fl-Anness II.

7. Is-sigurtà, il-kwalità u t-tabellar tal-laħam tat-tjur rigward l-użu ta' aġenti li jżommu l-ilma

7.1. L-iskop tal-programm koordinat għall-2005

Teħid ta' kampjuni li sar reċentement f'ċertu Stati Membri wera numru sinifikanti ta' prodotti mqiegħda fis-suq b'żieda eċċessiva ta' ilma u proteini idroizzati użati bħala aġenti li jżommu l-ilma fil-laħam tat-tjur u fil-preparazzjoni tal-laħam tat-tjur.

L-Artikolu 5 (1) tad-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE tal-15 ta' Frar 1971 dwar problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' laħam tat-tjur frisk [1] jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur frisk fejn ġew użati aġenti li speċifikament jippromwovu ż-żamma ta' l-ilma.

Dokument ta' Ħidma reċenti tal-Ħaddiema tal-Kummissjoni, (SEC (2004) 1130) ġibed ukoll l-attenzjoni ta' l-Istati Membri li għalkemm aġenti li jżommu l-ilma jistgħu jiġu użati fil-preparazzjoni tal-laħam tat-tjur u fil-prodotti tagħhom, l-użu tagħhom għandu jkun skond il-kodiċi ta' prattika tajba approvat mill-Istati Membri jew skond prattiċi tajba ta' manifattura u b'konsiderazzjoni xierqa għar-regoli applikabbli għall-protezzjoni tal-konsumatur inkluż il-leġiżlazzjoni dwar it-tabelli ta' l-ikel, kif provdut fid-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tabelli, preżentazzjoni u reklamar ta' l-oġġetti ta' l-ikel [2].

L-għan ta' dan l-element tal-programm hu li jivverifika fuq livell Komunitarju l-implimentazzjoni korretta tad-Direttiva 71/118/KEE f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-użu ta' aġenti li jżommu l-ilma f'laħam tat-tjur imkessaħ u ffriżat (sider tat-tiġieġa) u l-użu tagħhom fi preparazzjonijiet ta' ikel tat-tjur friżat (sider tat-tiġieġa) sabiex tiġi promossa l-protezzjoni tal-konsumatur u biex jaraw li qed isiru tabelli korretti.

7.2. Teħid ta' kampjuni u metodu ta' l-analiżi.

Għal teħid ta' kampjuni, analiżi u kalkolazzjoni tar-riżultati, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom isegwu l-protokoll analitiku deskritt fl-Anness V.

Hu rakkomandat li t-teħid ta' kampjuni jiffoka fuq fornimenti għal bejgħ bl-ingrossa ta' sider tat-tiġieġa ffriżat kif ukoll bejgħ mill-ħwienet tas-sider tat-tiġieġa mkessaħ jew friżat. Il-livell ġenerali tat-teħid tal-kampjuni għandu jitħalla għall-ġudizzju ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

Ir-riżultati tal-kontrolli li ġejjin għandhom jiġu dokumentati fil-karta mudell għad-arkivjar li tinsab fl-Anness III.

[1] ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 23. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 36).

[2] ĠU L 109, tas-6.5.2000, p. 29. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/89/KE (ĠU L 308, tal-25.11.2003, p. 15).

8. Is-sigurtà ta' ċertu ikel għat-trabi u tfal żgħar rigward il-livelli tan-nitrat u tal-*patulin*.

8.1. L-iskop tal-programm koordinat għall-2005

Oġġetti ta' l-ikel li fihom kontaminanti li jeċċedu l-livelli li huma tossikoloġikament aċċettabbli jistgħu jkunu ta' riskju għas-saħħa pubblika, speċjalment għal gruppi sensittivi tal-popolazzjoni bħal trabi u tfal żgħar. Il-preżenza tal-kontaminanti tista' titnaqqas permezz ta' prattiċi tajba ta' manifattura u agrikoltura.

Sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika, livelli speċifiċi massimi ta' nitrat u *palutin* f'ikel intenzjonat għat-trabi u tfal żgħar ġew stipulati fir-Regolament (KE) Nru 466/2001 tat-8 ta' Marzu 2001 li jistipula l-livelli massimi għal ċertu kontaminanti f'oġġetti ta' l-ikel [1] u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 655/2004 tas-7 t'April 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 466/2001 rigward in-nitrat f'ikel għat-trabi u tfal żgħar [2].

L-għan ta' dan l-element tal-programm hu biex jivverifika li l-ikel imqiegħed fis-suq intenzjonat għat-trabi u tfal żgħar ma jaqbiżx il-livelli massimi tan-nitrat u *palutin* stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità sabiex jiġi assigurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

8.2. Teħid ta' kampjuni u metodu ta' l-analiżi

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jieħdu kampjuni rappreżentattivi ta' ikel għat-trabi u tfal żgħar, b'mod partikolari ikel li fih zunnarija, patata, ħaxix bil-weraq u prodotti tat-tuffieħ, b'mod partikolari mill-ħwienet, kif ukoll jieħdu kampjuni minn fejn dan l-ikel jiġi prodott jew meta jiġi impurtat (jekk applikabbli), bil-għan li jsiru testijiet għan-nitrat (ikel li fih zunnarija, patata u ħaxix bil-weraq) u għall-*palutin* (ikel li fih prodotti tat-tuffieħ sakemm mhux ikel proċessat b'bażi ta' ċereali.

Metodi ta' teħid ta' kampjuni u ta' analiżi stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità li ġejja huma rrakkomandati għall-kontroll uffiċjali tal-livelli tan-nitrat u tal-*patulin*:.

— Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE tal-11 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi metodi tal-Komunità għat-teħid tal-kampjuni għall-kontroll uffiċjali ta' residwi tal-pestiċidji fi jew fuq prodotti li ġejjin minn pjanti jew annimali u li tirrevoka d-Direttiva 79/700/KEE [3], f'dak li jirrigwarda n-nitrat;

— Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/78/KE tal-11 t'Awwissu 2003 li tistipula l-metodi biex jittieħdu l-kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli tal-*patulin* [4] f'oġġetti ta' l-ikel, f'dak li jirrigwarda l-*patulin*.

Il-livell ġenerali tat-teħid tal-kampjuni għandu jitħalla għall-ġudizzju ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

Ir-riżultati tal-kontrolli li ġejjin għandhom jiġu dokumentati fil-karta mudell għad-arkivjar li tinsab fl-Anness IV.

Magħmula fi Brussel, fl-1 ta' Marzu 2005

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 77, tas-16.3.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 684/2004 (ĠU L 106, ta' l-15.4.2004, p. 6).

[2] ĠU L 104, tat-8.4.2004, p. 48.

[3] ĠU L 187, tas-16.7.2002, p. 30.

[4] ĠU L 203, tat-12.8.2003, p. 40.

ANNESS I

SIGURTÀ BATTERJOLOĠIKA TA' ĠOBNIJIET MAGĦMULA MILL-ĦALIB PASTURIZZAT

Stat Membru: _____

Gruppi ta' batterji/ kriterji (1)	Stadju li fih ittieħdu l-kampjuni	Prodott identifikazzjoni	Numru ta' kampjuni	Riżultati ta' l-analiżi (2)			Miżuri meħuda (numru u tip) (3)
				S	A	U	
Salmonella spp. n=5 c=0 Assenti f'25 g	Produzzjoni	ġobon artab (frisk) mhux misjur					
		ġobon artab misjur					
		ġobon mhux iebes ħafna					
	Ħwienet	ġobon artab (frisk) mhux misjur					
		ġobon artab misjur					
		ġobon mhux iebes ħafna					
Staphylococcus aureus n=5 c=2 m=100 cfu/g M=1 000 cfu/g	Produzzjoni	ġobon artab (frisk) mhux misjur					
		ġobon artab misjur					
		ġobon mhux iebes ħafna					
	Ħwienet	ġobon artab (frisk) mhux misjur					
		ġobon artab misjur					
		ġobon mhux iebes ħafna					
Escherichia coli n=5 c=2 m=100 cfu/g M=1 000 cfu/g	Produzzjoni	ġobon artab (frisk) mhux misjur					
		ġobon artab misjur					
		ġobon mhux iebes ħafna					
	Ħwienet	ġobon artab (frisk) mhux misjur					
		ġobon artab misjur					
		ġobon mhux iebes ħafna					

Gruppi ta' batterji/ kriterji (1)	Stadju li fih ittiehdu l-kampjuni	Prodott identifikazzjoni	Numru ta' kampjuni	Riżultati ta' l-analiżi (2)				Miżuri meħuda (numru u tip) (3)
				S		A	U	
				A	P	≤ 100 cfu/g	> 100 cfu/g	
Listeria monocytogenes n=5 c=0 Assenti f'25 g	Produzzjoni	ġobon artab (frisk) mhux misjur						
		ġobon artab misjur						
		ġobon mhux iebes ħafna						
	Ħwienet	ġobon artab (frisk) mhux misjur						
		ġobon artab misjur						
		ġobon mhux iebes ħafna						

(1) In-numru ta' unitjiet ta' kampjuni (n) li ghandu jittieħed jista' jitnaqqas ghall-kampjuni mill-ħwienet. Meta jittieħed numru iżghar ta' kampjuni, dan ghandu jiġi indikat fir-rapport.

(2) S=Sodisfaċenti, A=Aċċettabbli, U=Mhux sodisfaċenti; fil-każ tal-*Listeria monocytogenes* A=Assenti, P=Preżenti. Rigward *Staphylococcus aureus* u *Escherichia coli*, ir-riżultat hu sodisfaċenti jekk il-valuri kollha osservati huma < m, aċċettabbli jekk il-massimu tal-valuri c huma bejn m u M, u mhux sodisfaċenti jekk valur wieħed jew aktar huma > M jew aktar minn valuri c huma bejn m u M.

(3) Ghal rapporti ta' miżuri ta' infurzar hu rrakkomandat li jintużaw il-kategoriji li ġejjin: twissija verbali, twissija miktuba, ħtieġa ta' kontroll aħjar minn ġewwa, irtirar tal-prodott meħtieġ, piena amministrattiva, azzjoni bil-qorti, oħrajn.

ANNESS II

SIGURTÀ MIKROBIJOLOĠIKA TA' INSALATI MĦALLTIN

(rigward il-*Listeria monocytogenes*)

Stat Membru:

BATTERJI PATOĠENIĊI	IDENTIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT (1)	NUMRU TA' KAMPJUNI	RIŻULTATI TA' L-ANALIŻI						MIŻURI MEĦUDA (NUMRU U TIP) (2)
			Sejba f' 25 g		Enumerazzjoni cfu/g				
			Assenti	Preżenti	< 10	10-99	100-999	≥ 1 000	
Listeria monocytogenes									

(1) Il-prodott għandu jiġi identifikat ibbażat fuq l-ingredjenti prinċipali.
(2) Għal rapporti ta' miżuri ta' infurzar hu rrakkomandat li jintużaw il-kategoriji li ġejjin: twissija verbali, twissija miktuba, ħtieġa ta' kontroll aħjar minn ġewwa, irtirar tal-prodott meħtieġ, piena amministrattiva, azzjoni bil-qorti, oħrajn.

ANNESS III

IS-SIGURTÀ, IL-KWALITÀ U T-TABELLAR TAL-LAĦAM TAT-TJUR RIGWARD L-UŻU TA' AĠENTI LI JŻOMMU L-ILMA

Stat Membru:

Kodiċi tal-kampjun	Isem tal-prodott u tabella ta' deskrizzjoni	Min ippakketta-h/min proċessah u marka tas-sahha	Lista ta' ingredjenti	Tabella: dikjarazzjo-ni tat-tiġieġ	% Ndewwa	% Xaham	% Nitroġenu	% Proteina	% Irmied	Hydroxy proline g/100g	Eċċess ta' hydroxy proline g/100g	% Karbo idrati	Kalkolu ta' tiġieġ fil-kontenut Bl-użu ta' fattur ta' 3,85	Kontenut korrett tat-tiġieġ Fejn il-hyroxipro-line hi akbar minn 0,08	Miżuri meħuda (numru u tip) (1)

(1) Għal rapporti ta' miżuri ta' infurzar hu rrakkomandat li jintużaw il-kategoriji li ġejjin: twissija verbali, twissija miktuba, ħtieġa ta' kontroll aħjar minn ġewwa, irtirar tal-prodott meħtieġ, piena amministrattiva, azzjoni bil-qorti, oħrajn.

ANNESS IV

SIGURTÀ TA' ĊERTU IKEL GĦAT-TRABI U TFAL ŻGĦAR RIGWARD IL-LIVELLI TA' NITRAT U TA' *PATULIN*

Stat Membru:

1. NITRAT

Stadju li fih ittiehdu l-kampjuni	Identifikazzjoni tal-prodott	Numru ta' kampjuni	Analiżi tar-riżultati (mg/kg)				Miżuri meħuda (numru u tip) [1]
			<100	100-150	151-200	>200	
Ħwienet							
Produzzjoni							
Importazzjoni (jekk applikabbli)							

2. PATULIN

Stadju li fih ittiehdu l-kampjuni	Identifikazzjoni tal-prodott	Numru ta' kampjuni	Analiżi tar-riżultati (µg/kg)			Miżuri meħuda (numru u tip) [1]
			<10	10-25	>25	
Ħwienet						
Produzzjoni						
Importazzjoni (jekk applikabbli)						

[1] Għal rapporti ta' miżuri ta' infurzar hu rrakkomandat li jintużaw il-kategoriji li ġejjin: twissija verbali, twissija miktuba, ħtieġa ta' kontroll aħjar minn ġewwa, irtirar tal-prodott meħtieġ, piena amministrattiva, azzjoni bil-qorti, oħrajn.

ANNESS V

PROTOKOLL ANALITIKU

Proċedura biex tiddetermina l-kontenut tat-tiġieġ jew ilma miżjud u proteini bbażati fuq il-*collagen* fi prodotti tas-sider tat-tiġieġa

SIDER TAT-TIĠIEĠA FRISK (IMKESSAĦ JEW IFFRIŻAT)

Jekk is-sider tat-tiġieġa ma fih miżjuda ebda proteini, stabilizzaturi, jew ingredjenti oħra, il-metodu li jintuża biex jiġi kkalkulat l-ilma miżjud għandu jkun il-metodu uffiċjali tal-KE għall-ilma miżjud (Regolament tal-Kummissjoni 1538/91 ([1])). Il-kampjun minimu għall-metodu uffiċjali hu ta' 5 isdra tat-tiġieġa bla għadam u bla ġilda. L-ilma miżjud jista' jiġi ddeterminat permezz ta' graff tal-proporzjon ilma/proteini kontra l-ilma miżjud f'sider tat-tiġieġa bla għadam u bla ġilda (Figura 1). Il-proporzjon ta' bejn l-ilma u l-proteina għas-sider tat-tiġieġa bla għadam u bla ġilda mingħajr ilma miżjud hu ta' 3.28, u għal 2 % ilma miżjud (il-limitu tas-sider tat-tiġieġa bla għadam u bla ġilda) il-proporzjon ilma/proteina hu ta' 3.40.

THEJJIJA TA' SIDER TAT-TIĠIEĠA FFRIŻAT

1. *Wasla u ħażna tal-kampjun*

1.1. Għal bejgħ bl-ingrossa, kull kampjun normalment jikkonsisti f'kaxxa ta' 10 Kg ta' prodott tas-sider tat-tiġieġa bla għadam u bla ġilda ffriżat. Mill-ħwienet għandhom jittieħdu, minimu ta' 5 isdra tat-tiġieġa bla għadam u bla ġilda, bl-istess data ta' skadenza jew marka tal-lott.

1.2. Meta jaslu, l-kampjuni għandhom jiġu eżaminati biex jiġi żgurat li l-pakketti m'humiex danneġġjati u li l-kampjun għadu f'kundizzjoni ta' friża (jekk iffriżat).

1.3. Meta jaslu l-kampjuni għandhom jiġu maħżuna ffriżati (-18 °C ± 4 °C) qabel l-analiżi.

2. *Oġġett u skop*

2.1. Dan il-metodu jiddetermina l-kontenut tat-tiġieġa (u ilma miżjud bid-differenza) u proteini bbażati fuq il-*collagen* fi prodotti tat-tiġieġa bla għadam u bla ġilda. Jinvolvi li jiġi ddeterminat in-nitroġenu tal-proteina, ndewwa, irmied, xaħam u *hydroxyproline*.

3. *Prinċipju*

3.1. Il-kontenut (apparenti) ta' tiġieġ bla xaħam hu kkalkulat billi jiġi użat kontenut ta' proteina tan-nitroġenu u fattur tan-nitroġenu għas-sider tat-tiġieġa bla għadam u bla ġilda (Sezzjoni 9). Jekk proteini bbażati fuq il-*collagen* ġew miżjuda mas-sider tat-tiġieġ, il-kontribuzzjoni ta' dawn il-proteini għandha l-ewwel tiġi mnaqqsa mit-total tan-nitroġenu tal-proteina. Il-kontenut totali tat-tiġieġ hu kkalkulat billi jiżdied il-kontenut tax-xaħam mal-kontenut tat-tiġieġ mingħajr xaħam. Il-kejl ta' l-ilma miżjud jista' jiġi kkalkulat billi jitnaqqsu l-komponenti kollha tat-tiġieġ (kontenut tat-tiġieġ, irmied, u karboidrati) minn 100.

4. *Saħħa u sigurtà*

4.1. Il-metodu juża numru ta' bċejjeċ ta' tagħmir li jista' jkunu perikoluži bħalma huma magna *heavy duty* tal-kapuljat u omoġenizzatur, u għalhekk għandhom jittieħdu miżuri ta' sigurtà xierqa.

5. *Bżonnijiet ta' taħriġ qabel isiru l-eżaminazzjonijiet*

5.1. Hu meħtieġ li jingħata taħriġ fl-użu ta' tagħmir industrijali tal-bejjiegħa tal-laħam.

6. *Apparat*

6.1. Miżien li kapaċi jiżen bi preċiżjoni ta' aktar minn ± 0.1 g.

6.2. Magna tal-kapuljat *heavy-duty* u/jew blender li kapaċi jomoġenizza isdra tat-tiġieġa ffriżati.

Nota: Ebda marka ta' magna tal-kapuljat m'hi rrakkomandata, madanakollu, il-magna tal-kapuljat għandu jkollha saħħa biżżejjed biex tqatta' t-tiġieġ iffriżat jew iffriżat malajr biex tipproduċi taħlita omoġenja li tikkorrispondi għal dik miksuba minn magna tal-kapuljat li tqatta' b'toqob ta' 4mm.

([1]) ĠU L 143, tas-7.6.1991, p. 11. Regolament emandot bir-Regolament (KE) Nru 814/2004 (GU L 153, tat-30.4.2004, p. 1).

6.3. Apparat kif speċifikat f'ISO 1442:1997 (BS 4401 — 3:1997), biex jiġi ddeterminat il-kontenut ta' l-ilma.

6.4. Apparat kif speċifikat f'ISO 937:1978 (BS 4401 — 2:1980), biex jigi ddeterminat il-kontenut tal-proteina jew dak ekwivalenti.

6.5. Apparat kif speċifikat f'ISO 936:1998 1998 (BS 4401 — 1:1998) biex jigi ddeterminat il-kontenut ta' l-irmied.

6.6. Apparat kif speċifikat f'BS 4401 — 4:1970 viex jiġi determinat it-total tax-xaħam.

6.7. Apparat kif speċifikat f'ISO 3496:1994 (BS 4401 — 11:1995), biex tiġi ddeterminata l-*hydroxyproline*.

7. *Proċedura*

Nota: Il-kampjun għandu jinżamm iffriżat sakemm tibda l-analiżi skond il-paragrafi 7.1 sa 7.10 (hawn taħt).

7.1. Neħħi l-kampjun mill-pakkett u poġġih fi trej tal-plastik imnaddaf minn qabel u għattih bil-fojl biex tevita t-telf ta' l-indewwa.

7.2. Ikkapulja jew omoġenizza porzjonijiet tal-kampjun u qiegħdu mill-ġdid fuq it-trej tal-plastik. Kompli dan il-proċess sakemm il-kampjun sħiħ ikun ġie kkapuljat/omoġenizzat.

7.3. Permezz ta' mgħarfa nadifa kbira tal-plastik ħawwad il-kampjun ikkapuljat u kun żgur li dak kollu li jaqa' minnu jerġa' jiddaħħal fit-taħlita.

7.4. Fil-każ ta' kampjun li ttieħed minn laħam mibjugħ bl-ingrossa, ħu kampjun alikwot ta' 2 Kg jew, f'każ ta' kampjun mill-ħwienet, ħudu kollu jekk ikun inqas minn 2Kg, u **omoġenizzah sakemm jiġi irqiq ħafna** fi blender jew ħallat ta' l-ikel.

Nota: It-8 Kg li jibqgħu tal-kampjun li jkun ittieħed mill-laħam mibjugħ bl-ingrossa jistgħu jintremew.

7.5. Ħu żewġ 50 g alikwoti (għad-DNA jekk meħtieġ) miż-2 Kg u ttrasferihom f'kontenitur imdaqqas adegwatament. Qiegħed dak li jibqa' f'borża tal-plastik nadifa u ttabbellata jew għall-konvenjenza aqsamhom f'sub-kampjuni ta' 200g. Kull kampjun li ma jitteħidx immedjatament għall-analiżi għandu jitqiegħed fil-friża.

7.6. Ħu kampjun tal-materjal omoġenizzat u sib il-kontenut ta' l-indewwa skond ISO 1442.

7.7. Ħu kampjun tal-materjal omoġenizzat u sib il-kontenut tan-nitroġenu skond ISO 937 (jew ekwivalenti).

7.8. Ħu kampjun tal-materjal omoġenizzat u sib il-kontenut ta' l-irmied skond ISO 936.

7.9. Ħu kampjun tal-materjal omoġenizzat u sib il-kontenut tax-xaħam skond BS 4401 — 4.

7.10. Ħu kampjun tal-materjal omoġenizzat u sib il-kontenut tal-hydroxyproline skond ISO 3496.

8. *Kontroll Analitiku tal-Kwalità*

8.1. Il-laboratorji kollha għandhom janalizzaw f'kull lott, materjal ta' referenza adatt mal-livelli assenjati ta' nitorġenu, ndewwa, xaħam, irmied u *hydroxyproline* dupplikatament, bħala kontroll tal-kwalità. **Lottijiet aċċettabbli għandu jkollhom kejl fil-limiti ta' żewġ devjazzjonijiet standard tal-valur assenjat. L-analiżi duppliċi għandhom ikunu fi ħdan il-karatteristiċi repetittivi tal-metodu.**

9. *Kalkolazzjoni tar-riżultati*

Il-kalkolazzjoni tar-riżultati ġiet meħuda mill-Karta ta' Informazzjoni ta' l-Aġenzija għas-Sorveljanza ta' l-Ikel 20/01 ta' Diċembru 2001, li tinsab fuq il-website ta' l-Aġenzija f'dan l-indirizz.

http://www.food.gov.uk/science/surveillance/fsis-2001/20chick

9.1. Kontenut tat-tiġieġa permezz tal-Fattur tan-Nitroġenu

Bażat fuq Stubbs u More (The Analyst 1919, 44, 125) jinvolvi l-analiżi ta' kampjun għan-nitroġenu, ndewwa, xaħam u rmied.

Id-data li toħroġ mill-analiżi hi l-ewwel użata biex jiġi kkalkolat il-kontenut tal-laħam li hu apparentament mingħajr xaħam kif ġej:

Kontenut tal-Laħam li hu Apparentament Mingħajr Xaħam = Total tan-Nitroġenu/NF x 100

NF = fattur tan-nitroġenu assoċjat mal-prodott analizzat

(3.85 għal laħam tas-sider tat-tiġieġa bla xaħam, kif rakkomandat minn AMC (The Analyst, 2000, 125, 1359-1366). Ftakar li dan il-fattur japplika wkoll għal tiġieġ ġejjin minn terzi pajjiżi.

Il-kontenut ta' xaħam imkejjel hu imbagħad miżjud ma' din il-figura biex jagħti l-kontenut total apparenti tat-tiġieġ.

Kontenut Total Apparenti tat-Tiġieġ = Kontenut Apparenti ta' Tiġieġ bla Xaħam + xaħam

9.2. Proteina tal-*Collagen* Miżjuda

Proteina idrolizzata tal-*Collagen* tista' tkun meqjusa li hi preżenti f'kampjun jekk il-*hydroxyproline* misjub hu ogħla minn dak naturalment assoċjat mas-sider tat-tiġieġa bla xaħam (data AMC 0.08g/100g -The Analyst, 2000, 125, 1359-1366)

Il-kalkolazzjoni għall-kontenut total apparenti tat-tiġieġ kif użat hawn fuq jassumi li n-nitroġenu misjub ġie meħud kollu mill-muskolu tat-tiġieġa. Jekk tinsab *hydroxyproline* żejda, tkun neċessarja korrezzjoni.

Il-persentaġġ tan-nitroġenu li ġej minn xi *collagen* fil-kampjun hu kkalkolat mill-*hydroxyproline* kif ġej:

NITROĠENU TAL-*COLLAGEN* = *HYDROXYPROLINE* EĊĊESSIVA X 1.28

Il-persentaġġ tan-nitroġenu tal-collagen hu mbagħad imnaqqas mill-presentġġ totali tan-nitroġenu u l-kontenut total apparenti tat-tiġieġ ikkalkolat kif muri hawn fuq.

9.3. Ilma Miżjud

Estimi ta' l-ammont ta' ilma miżjud jista' jsir billi jitnaqqas il-kontenut tat-tiġieġa u l-ingredjenti kollha magħduda minn 100 bl-ekwazzjoni li ġejja:

% ta' ilma miżjud = 100 — (Kontenut Total Apparenti tat-Tiġieġa + Irmied + Karboidrat + Ingredjenti Oħra)

Korboidrat = 100 — (proteina + xaħam + irmied + ndewwa)

Fejn il-proteina totali = nitroġenu totali x fattur ta' konverżjoni **(6.25)**

Minn t'hawn fuq, l-ilma miżjud jista' jiġi kkalkolat kif ġej:

% ta' ilma miżjud = 100 — (Kontenut Total Apparenti tat-Tiġieġa + Irmied + Karboidrat)

9.4. Inċertezza tal-kejl

L-inċertezza medja tal-kejl biex jinstab il-kontenut tat-tiġieġa hi stimata ta' ftit inqas minn 3 % tal-kontenut tat-tiġieġa bil-limitu tal-kunfidenza ta' 95 %. Għalhekk il-kampjuni jistgħu jiġu meqjusa bħala deskritti ħażin jekk il-kontenut tal-laħam hu 5 % inqas minn kemm iddikjarat.

Figura 1 Ilma mizjud (%) f'relazzjoni mal-valuri ghal-limitu ta' ilma:proteina

